MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Numru 57/2000

Il- Pulizija
(Supretendent Lawrence Cutajar,
Spettur Walter Spiteri)

Vs

Tarcisio Vella

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Tarcisio Vella ta’ 64 sena bin il- mejjet John u Mary mitwielda Aquilina mwieled Qrendi u joqghod Plot 19, Triq il- Warda, Qrendi I. D. Card No: 349240 (M).

Talli fid- 29 ta’ Marzu 2000 ghall- habta tas- 1.45 p.m. bhala bniedem detenur tal- licenzja kategorija A u l- bniedem responsabbli mill- licenzja tal- Fabbrika tan-nar ta’ Lourdes li tinsab f’ Wied il- Hofra, Qrendi naqas li jizgura li tkun qed tigi mharsa kull restrizzjoni u

kundizzjoni li tinsab f' dik il- licenzja billi halla persuni li kellhom il- licenzja Kategorija B u ohrajn bla licenzja fil- kumpless tal- kamra tan- nar indikata fin- nuqqas tieghu. Akkuzat ukoll talli fl- istess data lok u hin naqas li jizgura li fl- istess fabbrika tan- nar ma jithallewx sustanzi projbiti. (Ara Sec 6 (1) LN 243/1998).

Fid- 29 ta' Marzu 2000 ghall- habta tas- 2.00 p.m. sehhet spluzzjoni mal- hajt ta' barra ta' Lourdes Fireworks Factory li tinsab f' Wied il- Hofra limiti tal- Qrendi. Il- Fabbrika tas- Socjeta' Filarmonika Lourdes tal- Qrendi.

Fis- 2 p.m. l- akkuzat sema spluzzjoni imma hu kien id- dar. Billi setghet kienet il- fabbrika mar fuq il- post. Stqarr li kien hemm biss Jason Farrugia 'safejn naf jien'. Dan l- anqas ghandu "access ghall- kumpless tan- nar" imma ried jiltaqa' mieghu biex isir xi xoghol ta' manutenzjoni. Dwar it- tahlita tal- bomba li "allegatament" kienet involuta jghid li din issir "b' kompozizzjoni ta' klorat tal- potassa u aluminium fi proporzjon ta' 2:1. Ma dawn normali inzidu xi serratura … il- kubrit nuzah biss biex indawwar il- polvri."

Jirrizulta li l- akkuzat li ghandu licenzja tal- kategorija A hu responsabbli minn din il- fabbrika. Ma kienx hemm meta gol fabbrika kien hemm persuna bla ebda licenzja u zewg persuni bil- licenzja kategorija B wehidhom. It- tahlita tan- nar li kienet qeghda issir kienet irregolari u ghalekk malajr holqot spluzzjoni. Seta gara aghar. Skond il- ligi l- akkuzat hu responsabbli ghal kollox.

Il- Qorti rat l- art 6 (1), 8(1)  ta' l- Avviz Legali 243 tal- 1998, kif amendat bl- avviz legali 266 ta' l- 1988, 122 u 123 ta' l- 1999 (rega gie amendat darbtejn fl- 2001 imma dan il- kaz gara fid- 29 ta' Marzu 2000) maghmul taht il- Kap 33 tal- Ligijiet ta' Malta, issib lill- akkuzat hati taht l- imsemmija art. 6 (1) u 8 (1) u tikkundannah mitejn lira Maltija (Lm 200) multa.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------